TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 12/15/MS**

**Antonella Mangion**

**vs**

**Arena Laundry Ltd**

Illum 23 ta' Marzu 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti Antonella Mangion.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta.

Semghet ix-xhieda tal-partijiet bil-gurament.

**Ikkunsidra:**

Illi skond l-avviz tar-rikorrenti, hija xtrat libsa minghand Luisa Spanioli f'Gunju tal-2014 ghas-somma ta' €460, liema libsa uzata ghal tieg li sar f'l-ewwel gimgha ta' Settembru. Peress illi wara dan l-avveniment, innutat xi tbajja zghar, hadet il-libsa ghal *dry cleaning* ghand is-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' accetat il-libsa u meta ikkonsenjatha lura lir-rikorrenti, dina sabet li l-libsa tilfet il-kulur taghha u hi ma accetatx il-libsa b'dik il-kundizzjoni - ghalhekk il-libsa baqghet ghand is-socjeta' konvenuta. Meta marret ghaliha gimgha wara, il-problema baqghet hemm u r-rikorrenti irrifjutat li taccetta l-libsa. Is-socjeta' konvenuta baghtet tinforma lir-rikorrenti illi jekk kellha xi problema, kellha tfittex il-kumpanija quddiem dan it-Tribunal.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex qieghda tinnega illi xi kulur intilef peress illi fir-risposta taghha stess tghid li l-libsa ma fijiex hsara 'hlief ghal sfumar ta' kulur, f'partijiet partikolari...' Argumentat illi kieku ghamlu xi haga hazina l-isfumar kien ikun fil-libsa kollha

**Ikkunsidra**

Illi dan l-argument tas-socjeta' konvenuta ma jistax jaghmel sens legali. La darba accettat il-libsa, dina assumiet responsabbilta' ghaliha li terga' tirritornaha fl-istess kundizzjoni illi ircevietha bis-servizz mitlub moghti fl-intier tieghu. Jekk kellhom xi dubju illi ma setghux inehhu dawn it-tbajja minghajr ma jikkawzaw danni, ma misshomx accettaw il-libsa.

Ir-rikorrenti kellha d-dritt tassumi li s-socjeta' konvenuta kienu kapaci jwettqu s-servizz minnha mitlub, izda evidentement dan ma kienx il-kaz, ghax ir-rizultat tal-prodott finali ma kien xejn sodisfacenti, kif l-istess socjeta' konvenuta tirrikonoxxi fir-risposta taghha. Sfumar f'partijiet partikolari, f'libsa ta' dak il-prezz jirvinawha darba ghal dejjem u r-rikorrenti ghandha dritt li tircievi kumpens ta' din il-hsara ikkawzata.

Pero' tajjeb jew hazin, ir-rikorrenti uzat din il-libsa u zammitha ghandha ghal xi zmien. Hemm diskrepanza bejn dak illi qalet ir-rikorrenti fit-talba, illi hi xtrat il-libsa f'Gunju 2014 - u l-ircevuta ezebita li jindika illi hi xtrat il-libsa f'April 2014. Ghalhekk ma tistax tippretendi rizarciment tal-ammont shih u dan it-Tribunal jidhirlu *arbitrio bono viri* illi jistabilixxi l-kumpens fl-ammont ta' €400.00.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' in parti it-talba tar-rikorrenti, jikkundanna lis-socjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' erba mitt Euro (400.00), bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**